Kunsill Lokali Fontana

Minuti tat-2 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis, 2 ta' Mejju 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'5.30p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 1, u tal-laqgħa Ad Hoc li saret nhar is-27 t'April, 2013, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza**

   - L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali se tkun qed torganizza laqgħa għas-Sindki u l-Viċi Sindki nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju u s-Sibt l-1 ta' Ġunju 2013 fil-Lukanda Calypso ġewwa Marsalforn, Għawdex. Is-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom jinfurmaw lis-SE meta se jattendu.
   - Stedina għal-djalogu pubbliku li ser issir nhar is-Sibt 4 ta' Mejju fl-10.30 am fil-Berġa ta' Aragona fl-okkażżjoni tad-9 anniversarju mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. It-tema ser tkun 'Ċittadini Maltin, Ċittadini Ewropej'.
   - Il-President tal-ANSEK bagħat ittra ta' awgurju lis-Sindku u l-Kunsilliera li ġew eletti fl-elezzjonijiet ta' Marzu li għadda.
   - Stedina lis-Sindku għal seminar li sar nhar is-16 ta' April 2013 fil-Farm tal-Gvern ġewwa x-Xewkija rigward il-bumunqar l-aħmar. Is-Sindku qal li



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

hemm bżonn li jinżabru s-siġar tal-Palm li hemm fil Belveder tat- Triq tal-Mulejja. Il-Kunsill qabbad lid-Segretarju Eżekuttiv biex iġġib il-permess li jsir dan mid-dipartiment tal-"Health Plant" u jinxtara l-bexx għalihom.

- Qed issir ġabra ta' nuċċalijiet tax-xemx biex jingħataw lil Dun Ġorġ Grima li fil-preżent jinsab l-Etjopja fejn fi żmien ftit ieħor ser jiġu operati numru ta' nies li jbatu mil-katarretti. Biex jingħataw dawn in-nuċċalijiet għandu jsir kuntatt bit-telephone fuq 21556453.
- E-mail mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali li ġiet mibgħuta mill-Kumitat Organizzattiv tal-Premju Nazzjonali għal-Appoġġ lill-Intrapriża biex il-Kunsill ikun jista jinnomina lil xi ħadd għal dan il-premju.
- Intbagħtu l-Minuti tal-aħħar seduta tal-appell tal-offerta tal-ġebla tal-qawwi ta' fuq il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.
- Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna biex jingħataw fondi li l-Kunsill ibbenefika mil-Iskema ta' Aċċessibilta' 2011 li jammontaw għal-2,900 ewro. Attenda s-Sindku għal din l-attività, fejn dawn il-fondi ġew imqasma mill-Onor. Hose Herrera, Segretarju Parlamentari bir-responsabilità tal-Gvern Lokali fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Anton Refalo. Din saret fil-Ministeru għal Għawdex
- Il-Kunsill irċieva s-somma ta' 7,000 ewro taħt l-iskema Inizzjattivi Kulturali 2012, li kienet il-*Fontana Fireworks Festival* 2012.
- Il-Kunsill irċieva s-somma ta' 42.50 ewro bħala t-tieni pagament tal-iskema Sports 2011.
- Sar il-ħlas mill-Uffiċċju Elettorali ta' 300 ewro tal-kiri tas-Sala għal-żmien l-Elezzjoni.
- Il-Kunsill irċieva t-tiġdid tal-permess mill-MEPA tat-tindif u riabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi (konfini fil-Fontana).
- L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġiet infurmata bit-tibdil li kien hawn fil-Kunsill jiġifieri bħala kunsilliera li ma ikkontestawx u dawk ġodda għal fini tal-"Health Insurance".
- Marcon Cassar mill-Kunsill Malti għall-Isport talbet biex tiġi infurmat bid-dettalji ta' meta ser jibdew jiġu organizzati l-attivitajiet imsemmija fil-lokalitajiet rispettivi – Il-Kunsill qabel li attivita issir nhar il-11 ta' Ġunju u l-attivita l-oħra tkun fil-bidu ta' Settembru.
- Waslet l-approvazzjoni tal-Appraisal Report u Performance Bonus tal-ex Aġent Segretarji Eżekuttivi li kien hawn fl-2012.
- Waslet il-konferma tal-ħatra tal-Aġent Segretarju il-ġdid ta' dan il-Kunsill b'effett mid-19 ta' April 2013.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

- Transfer ta' l-impjegat Joseph Mercieca – l-A.SE infurmat lill-preżenti li wara konsultazzjoni mas-Sindku, hi talbet biex ikun hemm sostituzzjoni qabel ma jsir dan it-transfer. Il-Kunsill qabel ma dan u insista li d-dipartiment jalloka persuna oħra minflok is-Sur Mercieca.
- Intbagħtet ittra lill-Inġiniera Josephine Vella mill-Enemalta biex il-linji tad-dawl li hemm fi Pjazza l-Għejjun jgħaddu min ġo *culvert* kif qed isir il-bini mill-ġdid ta' din it-triq. Dan wara laqgħa li kellhom is-Sindku u l-kunsillier Carmel Farrugia, mal-enginiera Josephine Vella, mal-perit Angelo Portelli u Lorry Apap, responsabbli mill-proġett.
- Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2013 ser tkun ta' 130,868 ewro. Dan l-ammont ġie imqassam kif għandu jintuża.
- Is-Sur Mario Mallia qed jinforma lill-Kunsill li ma għamilx ix-xogħol mogħti lilu bħala direct order li tirrigwarda t-tkomplija tas-*safety carpet* ma dak eżisteni għar-raġuni li l-antik ċkien u ma kienx ser jaqbel. Qed jitlob lill-Kunsill biex jieħu deċiżżjoni f'dan ir-rigward. Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ avviż għall-kwotazzjoni għaż-żona kollha ta' madwar iż-żurżieqa u l-*open gym*.
- Memo 6/2013 – Titratta awgurju u ringrazzjament lill-Kunsilliera tas-Servizz li taw lill-Komunita'.
- Ittra mingħand David Soler fejn qed jipproponi ftehim mad-Datatrak u l-Kunsilli Għawdxin (minbarra r-Rabat), fejn iċ-ċitazzjonijiet li jitħallsu min żmien il-Kumitat Konġunt imorru direttament fil-kont bankarju tal-Kunsill u wara d-datatrack tieħu persentaġġ mill-ammont. Il-Kunsill approva li dan il-Kuntratt jiġi ffirmat.
- Kont tal-perit tax-xogħolijiet extra tat-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku – tal-kuntrattur Carmel Grima approvat mill-kunsill
- Saret laqgħa mas-Sur Philip Vella li huwa l-Kordinatur bejn il-Kunsilli Għawdxin u l-Ministeru ghal-Ghawdex. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, Louis Magrin. Fost ix-xogħolijiet li ġew diskussi, issemmew:
    - issir mill-ġdid Triq il-Għajn minn Pjazza Tomba sa ħdejn il-Knisja
    - jitkompla il-*culvert* ta' Triq l-Isptar San Ġiljan minn Triq Is-Sajjieda l-isfel. Wara terġa issir mill-ġdid bit-tarmak minn Triq Santa Domenika l-isfel.
    - triq Ta' Mulejja u Trejqet Grezzja Grima jingħataw l-aħħar kisja tarmak.
    - tinbena u jingħata wiċċ bit-tarmak Trejqet Wara L-Idjar.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

- o jingħataw fondi tal-Eko Gozo li baqa pendenti biex issir it-tindif tal-Wied tax-Xlendi (konfini tal-Fontana) jew it-tkomplija bil-fanali "energy saving u environmental friendly"
- o isir iz-zuntier tal-knisja parrokjali bil- ġebla tal-qawwi.

4. ***Performance Bonus* tal-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv**

L-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv Louis Magrin ġibet l-attenzjoni li jrid jinħadem il-*Performance Bonus* tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ms Amanda Abela li okkupat din il-kariga bejn il-10 u 17 ta' Settembru 2012, li huwa l-perjodu li fih l-ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Louis Stefan Magrin kien imsiefer. Il-Kunsill approva 8% tal-ammont imħallas.

5. **Għoti tal-Offerti – *Open Gym Equipment***

Il-perit informa lis-Sindku li għandu bżonn xi klarifiki mingħand l-offerenti. Għalhekk ma jistax jirrakomanda l-ebda offerent f'dan l-istadju.

6. **Kwotazzjoni għal-*safety carpets* tal-*Open Gym***

Infetħet l-unika offerta, fejn il-Kunsill ra li l-prezz mitfugħ ta' €36.95/m fl-offerta għoli u is-sample preżentat ma kienx skont kif mitlub. Il-Kunsill qabel li terġa toħroġ s-sejħa għall-offerta, u din id-darba tkun tkopri ż-żona kollha li hemm bżonn.

7. **Tender Skart Domestiku**

Is-Sindku nforma lis-ASE biex toħroġ dan it-tender mill-aktar fis possibli peress li ilu skadut, u hemm ordni mid-DLG biex isir dan. L-ASE qalet li tagħmel dan malli tkun tista, pero fakkret lill-preżenti li dan huwa wieħed mill-aktar tenders delikat u ma tistax tgħaġġel fih.

8. **Materji Oħra**

Informazzjoni mis-Sindku, Saviour Borg

- Il-Kumitat ta' l-armar talab biex isiru tappieri għall-arbli tal-festa mill-Knisja l-isfel, biex ma jkunux ta' periklu għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel li jinxtraw it-tappieri li hemm bżonn.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S.Borg

- Avviċina lis-Sindku s-Sur David Fenech biex jipparteċipa fil-Festa Tfal nhar id-9 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel li jkun hu li jiprezenta din l-attivita u jkanta tul Festa Tfal, li se ssir flimkien mal-parroċċa.
- Fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek"ta' 6 paġni A4 bil-kulur, li joħroġ kull sitt xhur,– il-kunsill qabel li tinġab kwotazzjoni għal 450 kopja.
- Saret l-applikazzjoni b'DNO mal-MEPA biex il-monument tas-sajjieda, li jitpoġġa fl-ispazju miftuħ tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.
- Ir-repliki ta' l-Għajn il-Kbira jiswew €27 il-waħda u l-"badges" tad-deheb tal-kunsilliera l-ġodda jiswew €140 il-waħda. Il-kunsill qabel li jiġu ordnati.
- Tħawlu x-xtieli ħdejn il-bins tar-riċiklaġġ.
- Nordnaw ir-ritratti tal-ġurament tal-ħatra u tiġi aġġornata l-website tal-Kunsill. Id-Dipartiment tal-gvern Lokali bagħat CD dwar il-ġurament tal-ħatra.
- Il-Grupp ta' l-armar talab biex isiru toqob għall-arbli fit-Triq Ghajn Tuta – approvata.
- Suġġeriment għal ħarġa għal-Malta nhar l-14 ta' Mejju – Il-Kunsill qabel li din il-ħarga issir waqfa f'Casa Bernard, l-Imdina, ħin liberu fil-Belt Valetta u wara fil-park tal-familja l-ġdid f'Marsaskala. Il-prezz għar-residenti jkun ta' €3 għal min mhux resident €5.Is-Sindku ppropona wkoll li ssir ħarġa ta' nofs t'inhar f'Għawdex f'Ġunju u dik annwal f'Lulju għal-Sqallija. Il-Kunsill qabel ma dan ukoll.
- Mina mirduma fit-Triq il-Għajn – is-sindku qal li din għadha mirduma minkejja li kwazi tlesta x-xogħol fit-Triq. Il-Kunsill iddeċieda li tinkiteb ittra lis-Sra Rita Cutajar, Direttur Ġenerali fil-MGOZ, biex din tiġi miftuħha u l-ilma jintefa' ukoll fl-Għajn il-Kbira.
- Inxtgħlet il-bozza il-ġdida f'tarf triq John Gaspard Le Merchant
- Hemm bżonn jinxtraw xtieli għat-tliet iqsari għal fuq l-Għajn ta' Bendu-Il-Kunsill qabel.
- Dwar ix-xogħol tad-drenaġġ għat-toilets tas-sala tal-Komunita, William Xuereb informa lis-Sindku li issa mhux se jsir dan ix-xogħol. Għalhekk il-Kunsill qabel li jqabbad il-Kumpanija Road Construction biex twettaq dan ix-xogħol max-xogħol li qed twettaq fil-bini tat-tieni fażi tat-triq tax-Xlendi.

Horace Micallef

- *Rubbish bin* fejn l-uffiċċju tal-ETC fit-Triq San Arturo Mercieca biex jiġi rranġat temporanjament u jinxtara iehor minfloku – approvata







S.Borg

- Tiġi emendata l-website tal-kunsill bir-ritratti tal-Kunsill il-ġdid u l-parti tal-Kunsilliera eletti. Din trid tkun bħal ma dehret fil-gazzetta tal-Gvern.
- Teħel tabella tar-*residential parking* fit-Triq Qalb ta' Ġesu – approvata.
- Mera li waħlet wara l-Knisja ġiet mislufa lill-Kunsill mis-Sindku tax-Xagħra. Il-mera għandha tibqa hemmhekk għaliex perikoluża dik il-kantuniera u tiġi mixtriha oħra għall-Kunsill tax-Xagħra – approvata.
- Isir rixtellu tal-ħadid minħabba l-periklu fit-taraġ tal-Playingfield – jinġab stima ta' dan ix-xogħol.
- X'possibilita hemm li jiġu ordnati *business cards* għall-kunsilliera u oħra għall-uffiċċju tal-Kunsill – il-Kunsill qabel li jiġabu stima għall-dawn il-*cards*.

## 9. Ringrazzjament

Il-Kunsill irringrazzja lil Sja Amanda Abela talli aċċettat il-kariga t' Aġent Segretarju Eżekuttiv u rringrazzja lis-Sur Louis Magrin tas-servizz tiegħu lill-Kunsill tal-Fontana.

Il-laqgħa spiċċat fin-8.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555